**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 9 ta' Frar 2022**

**Rik. Gur. Nru.: 123/2019/5 JPG**

**Kawza Nru.: 13**

**SM**

**Vs**

**BM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BM datat 23 ta' Marzu 2022, li jaqra hekk:

1) *Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-27 ta' April 2002 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk permezz taz-zwieg taghhom il-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partijiet bhala ir-regim matrimonjali li tirregola il-proprjeta' taghhom;*

2) *Illi matul iz-zwieg taghhom huma kellhom tifel wiehed, NM, illi twieled f'X u li ghalhekk huwa maggorenni liema tifel jirrisjedi ma l-esponent missieru.*

3) *Illi l-partijiet ilhom jghixu separati ghal diversi snin wara li f'Novembru 2018 l-attrici abbandunat d-dar matrimonjali.*

4) *Illi l-partijiet it-tnejn jahdmu b'dana illi ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament.*

5) *Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Minkejja illi llum il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll*

*emozjonalment, il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll – a fortiori in vista tal-indipendenza surriferita – li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnnhom jista' talvolta jaghmel.*

6) *Illi ghalhekk il-konvenuta mhux sejra ssofri xi pregudizzju, u certament mhux ser issofri minn xi pregudizzju sproporjzjonat f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.*

7) *Illi ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandu jibqa fis-sehh.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezisteni bejn il-parti u dan a disposizzjoni tal-Artikolu55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta;*

ii. *Tordna illi s-sentenza hekk moghtija tigi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan a disposizzjoni tal-artikolu 55(5) ta' l-imsemmi Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta; u*

iii. *Tiddikjara li r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni ta' l-assi.*

*U dan taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' SM datata 12 ta' April 2022, a fol 5 et seq., li taqra hekk:

*Illi fl-ewwel lok, ghandu jigi indikat ghall-precisjoni li l-kontendenti zzewgu fit-tlettax (13) ta' Lulju elf disgha mija u sita u disghin (1996), u mhux kif erronjement indikat fir-rikors promotur fis-27 ta' April 2002 ghalkemm dan hu x'aktarx lapsus tar-rikorrenti.*

*Illi l-esponenti tifhem u tirrikonoxxi li solitament talba bhal dik de quo tigi akkolta*

*mill-qrati nostrati dement li ma jirrizultax li parti fiz-zwieg tkun ser issofri pregudizzju sproporzjonat.*

*Illi evidentement din l-Onorabbli Qori trid tqis it-talba skond il-fattispeci partikolari ta' kull kaz u tevalwa, skond dak li rrizulta sa issa fil-proceduri tezistix possibilita reali u ragionevoli li l-parti l-ohra fiz-zwieg issofri pregudizzju sproporzjonat u irrimedjabbli. Dana fl-eventwalita li l-parti l-ohra fiz-zwieg tinghata l-mano libera taghmel l-atti kollha tal-hajja civili wahedha minghajr il-bzonn jew l-assistenza tal-parti l-ohra u fi kliem semplici tkun mehlusa mill-mazzra m'ghonq fil-forma tal-parti l-ohra fiz-zwieg.*

*Illi r-rikorrenti ma jaghti l-ebda raguni impellanti li fuqha qed isejjes din it-talba, hlief li jghid li jekk il-komunjoni tigi xolta kun hemm anqas disgwid u jiddeciedi di sua sponte li dan ser ikun ukoll beneficcjali ghaliha ghal dan, hlief li r-rikorrenti jinghata aktar 'arja' ikompli jikkontrolla kollox hu, u jkompli jipprova jiostor, jisparpalja u jgawdi l-assi tal-komunjoni kif gia ghamel tul dawn il-proceduri fil-kaz odjern gia rrizulta illi:*

1. *Illi l-kontendenti ilhom de facto separati minn Novembru elfejn u tmientax (2018) peress li l-esponenti kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix ma ommha. Dan ghamlitu b'ta fuqa senduqa! Dana ghaliex fil-gurnata li telqet, bil-lejl l-intimat tefa d-dawl tad-dar matrimonjali ghal aktar minn saghtejn u beda jhedded li ser jaghmel hsara fuq il-persuna tieghu u tal-esponenti. Dana ukoll jirrizulta konfermat mid-deposizzoni ta' l-esponenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

2. *Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Ottubru 2020 din il-Qorti kienet 'ordnat lill-intimat, sabiex pendente lite jirritorna l-vettura ta' l-ghamla BMW lill-esponenti anke jekk ikun hemm bzonn bl-assistenza tal-pulizija esekuttiva. Illi meta l-esponenti marret tiehu l-pusses tal-vettura flimkien ma l-ufficjali tal-pulizija, ir-rikorrenti allega li l-vettura kien biegha parts. Illi kien biss ftit tal-gimghat ilu li l-esponenti finalment u wara numru ta' rikorsi, inghatat vettura mill-flotta li tikkomprendi l-komunjoni.*

3. *Illi permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Settemrbu 2020 din*

*il-Qorti kienet ordnat lill-intimat, fi tmienja u erbghin siegha inehhi l-katnazz li ghamel mal-kancell tad-dar matrimonjali cioe 'Osaka, Triq l-Alwetta, Mosta' u f'kas li dan il-perjodu jghaddi inutilment, awtorizzat lill-istess rikorrenti sabiex, bl-assistenza tal-Pulizija u Marixxall tal-Qorti u ghas-spejjes tal-intimat, taghmel dak kollu necessarju sabiex tnehhi l-katnazz mill-kancell tad-dar matrimonjali u/jew kwalunkwe xkiel iehor sabiex hija jkollha access ghad-dar matrimonjali. Illi meta l-esponenti marret ma l-ufficjali tal-pulizija nonostante d-digriet tal-qorti l-katnazz kien ghadu hemm, u meta wara proceduri l-katnazz tnehha minfloku sar bolt biex b'hekk sal-lum l-esponenti ghandha access ipotetiku izda mhux reali ghaliex hekk iddecieda ir-rikorrenti.*

4. *Illi irrizulta li l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkomprenti fost ohrajn is-segwenti proprjeta' immobbli:*

   (i) *Mahzen fi Triq il-kummerc Qormi*
   (ii) *Mahzen bl-isem Manuel Garage fi Triq is-Salib ta' l-Imhriehel*
   (iii) *Mahzen bl-isem Bellizzi Garage fi Triq is-Salib Imriehel*
   (iv) *Masionette sovrapost il-mahzen bl-isem Bellizzi Garage fi Triq is-Salib Imriehel;*
   (v) *Mahzen bl-isem Tommix Garage fi Triq is-Salib Imriehel*
   (vi) *Mahzen bl-isem Emanuel Bellizzi Garage fi Triq il-Kummerc l-Imriehel*
   (vii) *Town House bin-numru 77 fi Triq Pjazza Bertu Fenech Hal Balzan.*

   *Ikoll fil-pussess esklussiv tar-rikkorrenti, li juzha l-istess proprjeta' kif irid u kif joghgbu u jdahhal lil min irid u min joghgbu.*

5. *Illi rrizulta li nonostante li r-rikorrenti jiddikjara dhul minimu, hemm flotta ta' cirka sittin vettura uhud minnhom lussuzi, li tul dawn il-proceduri r-rikorrenti ttrasferixxa fuq iben il-kontendenti li ghandu biss wiehed u ghoxrin sena. Dana biex minghalih jghaddi lil din l-Onorabbli Qorti 'minn ghajn il-labra'. Dana meta iben il-kontendenti qatt ma hadem hlief ma missieru u beda hajja lavorattiva cirka sentejn ilu.*

6. *Illi ukoll irrizulta, b'mod sorprendenti li dan l-istess tifel irnexxielu jakkwista cabin cruiser ta' cirka hamsin pied (hemm ohra tal-istess daqs u ghamla*

*registrata fuq ir-rikorrenti) fil-mori ta' dawn il-proceduri. Mhux mill-assi tal-komunjoni din inxtrat wiehed jistaqsi?*

7. *Illi l-esponenti ma hijix sejra f'dana l-istadju toqghod tinoltra ruhha fl-ispekluzzjonijiet ghaliex temmen li l-vista ta' kulhadd twassal ftit aktar mill-ponta ta' mniehru meta r-rikorrenti sa issa sfida u ghadu jisfida kull digriet li nghata fil-proceduri odjerni. Ipprova jisparpalja l-assi tal-komunjoni billi fil-mori tal-proceduri dawwar diversi assi fuq ibnu u akkwista dghajsa lussuza u kbira bi flejjes li ma jikkombacjawx ma l-introjtu minnu dikjarat ma l-awtoritajiet appositi.*

8. *Illi ghalhekk jirrizulta evidentement li anke mxekkel bir-rabtiet tal-komunjoni r-rikorrenti ipprova jostor u jisparpalja l-assi tal-komunjoni ahseb u ara x'jaghmel jekk u fl-eventwalita' li jinheles minn kull restrizzjoni.*

*Ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li t-talba kif esperita ma tistax tigi akkolta f'dan l-istadju.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it- trattazzjoni tal-Avukati Difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-konvenut permezz tar-rikors tat- tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-attrici u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata

b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu preguddizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

L-attrici qieghda toggezzjona ghat-talba tal-konvenut u ssostni illi ma tkunx gustifikata li tintlaqa' t-talba tal-konvenut stante illi tul dawn il-proceduri, l-intimat ittrasferixxa fuq iben il-kontendenti li ghandu erba' u ghoxrin (24) sena u li beda jahdem biss ghal ftit snin, flotta ta' cirka sittin (60) vettura uhud minnhom lussuzi  Illi l-attrici zzid tispjega illi jidher ukoll illi dan l-istess tifel irnexxielu jakkwista ***cabin cruiser*** ta' circa hamsin pied fil-mori ta' dawn il-proceduri b'dana illi hemm dghajsa ohra tal-istess daqs u ghamla registrata fuq isem il-konvenut. Illi l-attrici tishaq illi filwaqt illi l-konvenut ittenta sa issa jisfida kull digriet li inghata fil-proceduri odjerni, ipprova wkoll jisparpalja l-assi tal-komunjoni billi fil-mori tal-proceduri, dawwar diversi assi fuq ibnu u akkwista dghajsa lussuza u kbira bi flejjes li ma jikkombacjawx mal-introjtu ta' tifel ta' erba' u ghoxrin sena.

Illi l-attrici ssostni anke meta mxekkel bir-rabtiet tal-komunjoni, il-konvenut jipprova jostor u jisparpalja tal-assi tal-istess komunjoni multo magis jaghmel hekk f'kaz li komunjoni tal-akkwisti tigi terminata f'dana l-istadju.

**Ikkonsidrat:**

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell, fejn fis-sentenza: ***Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs. Michael Lowell***[1] fejn intqal:

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

***"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa lprovi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fittieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le.***

***Ezami tal-artiklu 55(4) juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza in parte ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalfika bhala ostaklu ghall-pronunzja ta' tali sentenza.***

***Is-sub inciz 4 tal-artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm il-darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat. Dana gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Jael Cassar vs Robert Cassar.***[2]

Dina l-Qorti taghmel taghha li-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fejn gie ddikjarat illi:

***l-pregudizzju mhux proporzjonat ghandu jigi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li minn jallegah jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova ibcumbit ei qui dicit non ei qui negat***[3]**.**

Illi kif inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti***

[2] Deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it- 3/12/2013 212/2019/2 RGM.
[3] Vide Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015.

> ***tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza su indikata, u cioe dik fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**, il-Qorti tal-Appell apparti li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal wkoll:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

In vista tal-ligi u tal-gurisprudenza li qed issir referenza ghalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oggezzjonijiet sollevati mill-attrici humiex:

1. **Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u**
2. **Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi in gudikat u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:

> *Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem*

> *tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni* ***anke jekk ad isaputa tal-attrici.*** [4]

Il-Qorti taghraf illi hemm mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju bin-numru 179/2021RGM li jolqot numru ta' diversi vetturi u hemm ukoll Mandat ta' Deskrizzjoni bin-numru 21/2022, liema atti gew allegati *per via* ta'digriet moghti seduta stante fl-udjenza tat-23 ta'Marzu 2022.

Din il-Qorti rat illi mill-atti jirrizulta illi hemm diversi propjetajiet li prima facie jidhru li jistghu jiffurmaw parti mill-komunjoni b'dana illi l-attrici ezebiet anke ir-ricerki relattivi. Illi din il-Qorti skontrat verzjonijiet kunfliggenti dwar meta l-konvenut beda n-negozju tieghu u jekk effettivament dan in-negozju giex stabbilit qabel jew wara z-zwieg u dana ai fini ta' komputazzjoni ta' assi li jaghmlu parti mill-istess komunjoni. Illi filfatt l-intimat ezebixxa xi dokumentazzjoni f'dan ir-rigward.

Il-Qorti rat illi skond id-dokument *a fol 33* jidher illi ai fini ta' VAT l-konvenut kien registrat bhala *Sole Trader* mis-sena 1 ta' Jannar 1999. Illi mid-dokumentazzjoni *a fol 316* jidher ukoll illi mad-Dipartiment tat-Taxxi, il-konvenut diga' qieghed indikat bhala **persuna separata** u dana precizament mill-1 ta' Novembru tas-sena 2018 u l-istess jinghad ghall-attrici. Rat ukoll id-diversi *income tax returns* ezebiti u l-introjtu dikjarat mill-konvenut minn negozju tieghu bhala *car dealer* u *mechanic.* Din il-Qorti rat ukoll it-testimonjanza tar-rappresentanta tal-*IIG Bank Malta Ltd*, u d-dokument *a fol 143,* fejn jidher illi l-konvenut kellu *fixed term deposit account* fl-ammont ta' mitt elf Ewro (EUR100,000). Illi mit-testimonjanza jidher illi l-konvenut kien talab illi jinhareg cekk indirizzat lill-iben il-partijiet NM ghall-ammont kollu. Illi jidher ukoll illi c-cekk minkejja li kien anke gie mahrug *replacement cheque* fis- 6 ta' Mejju 2019 wara li l-ewwel c-cekk kien skada, jidher illi sal-14 ta' Frar 2020 meta regghet giet riprodotta x-xhud in kwistjoni *(vide xhieda ta' rapp ta IIG Bank Tamara Jane Caruana a fol 144)* ic-cekk kienu ghadu ma ssarrafx.

Illi din il-Qorti rat ukoll illi din is-sentenza *in parte* kellha tinghata f'Mejju tas-sena 2022, u ma kienitx inghatat *stante* li l-partijiet kienu qeghdin fi trattattivi bl-iskop li jintlahaq ftehim bonarju. Illi dana l-ftehim jidher pero' li ma ntlahaqx u ghalhekk din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-provi da parti tal-attrici. Din il-Qorti ddeliberat u ezaminat bir-reqqa jekk bix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti fil-kaz odjern u jekk xi parti jew l-ohra hux ser jbatu pregudizzju, u jekk dan hux ser jikkwalifika bhala 'pregudizzju mhux proporzjonat.'

---

[4] Vide **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** supra.

Illi l-Qorti, in vista ta' dawn il-fatti u rizultanzi kollha u anke in vista tal-moviment ta' assi tal-kommunjoni, taghraf illi l-attrici tista' tissubixxi pregudizzju mhux proporzjonat kemm-il darba t-talba ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tigi milqugha f'dana l-istadju tal-proceduri.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, f'dana l-istadju tal-proceduri, tichad it-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fir-rikors tieghu tat tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**